# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR JOSEPH A. FILLETTI, B.A., LL.D., A.R.Hist.S.**
**ONOR FRANCO DEPASQUALE, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 13 ta' Marzu, 2001**

**Numru 22**

**Cit. Nru. 1205/99 GCD**

**Jet-Tech Limited**

**vs**

**Marcon Coppola**

## Is-sentenza appellata

Fis-16 ta' Gunju, 1999, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ppronunzjat is-segwenti sentenza f'azzjoni kambjarja proposta mis-socjeta' attrici kontra l-konvenuta.

## Verbal

Fis-16 ta' Gunju, 1999, gie verbalizzat quddiem l-ewwel Qorti li l-konvenuta kienet talbet li tikkontesta l-kawza billi qalet li l-kambjala

kienet ittiehdet b'qerq. L-ewwel Qorti kienet cahdet dik it-talba "billi ma jidhirx il l-konvenuta ghandha eccezzjonijiet li jistghu jinqatghu malajr".

**Aggravju**

Il-konvenuta appellat minn din is-sentenza b'aggravju li ser jigi hekk puntwalizzat:-

a) preliminarjament li l-azzjoni quddiem l-ewwel Qorti ma kienetx wahda kambjarja stante li r-rekwiziti stipulati fl-artikoli 123, 191 u 198 tal-Kodici tal-Kummerc ma kienux gew segwiti. Inoltre, il-konvenuta appellanti kienet infurmat lill-ewwel Qorti li kienet ipprezentat citazzjoni qabel il-jum tas-smiegh li biha mpunjat il-validita' tal-kambjala stante li kienet giet iffirmata taht theddid u pressjoni psikologika qawwija li kienet tirrendi l-kambjala nulla. L-appellanti tissottometti li c-citazzjoni minnha pprezentata kienet timpingi fuq in-natura ta' l-istess kambjala, u konsegwentement, fuq il-validita' taghha. Dan inkwantu kien jirrizulta nieqes ir-rekwizit tal-bona fede fil-persuna tat-traent. Una volta l-origini ta' l-obbligazzjoni kienet ivvizzjata, l-appellanti kellha tinghata l-possiblita' li taghmel in-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha. Dan specjalment una volta l-kambjala ma kienetx giet girata u l-partijiet fl-azzjoni kienu l-istess kemm fl-azzjoni kambjarja kif ukoll fl-azzjoni dwar in-negozju li pprovoka l-hrug taghha.

Is-socjeta’ appellata tirribatti ghal dan l-aggravju illi ghar-rigward ta’ l-eccezzjonijiet fl-azzjoni kambjarja l-ligi kienet cara u specifika. L-artikolu 198 tal-Kodici tal-Kummerc jippermetti biss eccezzjonjiet f’din it-tip ta’ kawza li huma personali ghall-pussessur tal-kambjala, huma likwidi u jistghu jinqatghu malajr fil-kawza li tkun miexja. Inoltre, l-artikolu 199 ta’ l-istess Kap ma jippermettix opposizzjoni ghall-hlas ta’ kambjala hlief fil-kaz ta’ telf tal-kambjala jew ta’ falliment tal-pussessur. Is-socjeta’ appellata tissottometti li certament il-kawza odjerna ma taqa’ taht l-ebda wahda minn dawn id-disposizzjonjiet, u li l-kontestazzjoni ta’ l-appellanti, bazata fuq in-nuqqas ta’ bona fede u l-vizzju tal-kunsens, kienu eccezzjonijiet li s-subartikolu 9 ta’ l-artikolu 198 jipprovdi li “is-smiegh taghhom ghandu jsir f’kawza ghaliha u sadanittant il-kundanna ghall-hlas tal-kambjala, bil-garanzija jew minghajrha, skond ma jidhrilha l-Qorti, m’ghandhiex tkun imdewwma”.

Jigi sottomess li l-fatt li l-appellanti prezentat kawza biex timpunja l-invalidita’ tal-kambjala ma kienetx raguni valida biex il-Qorti ta’ prima istanza toqghod lura milli tiddeciedi l-azzjoni kambjarja. Ghall-kuntrarju l-prezentata tac-citazzjoni kif ukoll il-garanzija li s-socjeta’ attrici kienet obbligata taghti fis-sentenza appellata favur taghha, kienu bizzejjed biex jiggarantixxu lill-konvenut appellanti illi f’kaz li jirrizulta li kellha ragun,

hija tithallas lura minnufih l-ammont rapprezentanti l-valur tal-kambjala li tkun hallset.

**Konsiderazzjonjiet ta' din il-Qorti**

Il-qofol tal-vertenza hu l-interpretazzjoni ta' l-artikolu 198 tal-Kodici tal-Kummerc, illi jistabilixxi tassattivament illi setghu biss jinghataw azzjoni kambjarja (1) eccezzjonijiet li huma personali ghall-possessur tal-kambjala li ma jistghux idewwmu l-hlas taghha jekk dawn ma jkunux dwar krediti likwidi u li jistghu jinqatghu malajr fil-kawza li tkun miexja; u (2) li jekk dawn l-eccezzjonijiet ikunu jehtiegu ezami fit-tul, is-smiegh taghhom isir f'kawza ghaliha, u sadanittant il-kundanna ghall-hlas tal-kambjala, bil-garanzija jew minghajrha, skond kif jidhrilha l-Qorti, m'ghandhiex tkun imdewwma".

Is-socjeta' appellanti tinvoka l-gurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati favur l-awtonomija ta' l-azzjoni kambjarja mill-obbligazzjoni li tkun originat min-negozju li ta lok ghall-hrug taghha, kif ukoll ghall-ispeditezza ta' tali azzjoni. Taghmel riferenza inter alia ghas-segwenti. "Per legge espressa, eccezioni di lunga indagine, come quelle opposte dal convenuto non possono ritardare il pagamento di cambiali scadute. La Corte deve ordinare il pagamento con o senza cauzione e rimettere la cognizione delle eccezioni a separato giudizio". (Vol. XXXII, P.III,

p.43). "Id-domandi huma ppruvati bil-kambjalijiet esebiti………….In-natura ta' l-eccezzjonijiet hija tali li ma tistax twaqqaf il-kawza, u billi l-likwidazzjoni tal-kontijiet bejn il-partijiet…………tiehu zmien twil, il-konvenuti ma jistghux jirrifjutaw il-hlas tal-bilanc tal-kambjaliet" (Vol. XXIX, P.I, p.1136). "Illi fil-mertu l-appell huwa sostnut fil-ligi. Infatti, avolja l-konvenut ghandu xi jghid hafna, kif jirrizulta min-nota ta' l-eccezzjonjiet tieghu, b'dana kollu, minhabba l-fatt li din hija azzjoni kambjarja, ghandha jkollha applikati d-disposizzjonjiet li jikkawtelawha……………. Di fronte ghal dawk id-disposizzjonjiet tassativi, li gew kostantement applikati mill-ewwel Qorti, din ma setghetx tipprocedi ghan-nomina ta' perit bl-inkarigu li jidhol fl-indagini ta' l-eccezzjonijiet tal-kovnenut, li minghajr dubju huma ta' indagini twila u komplikata. Ghalhekk in-nomina ta' perit ma hemmx lok ghaliha, u l-ewwel Qorti ghandha tipprocedi ghad-decizjoni tal-kawza skond dawk id-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq imsemmija" (L-artikoli 181 u 199 tal-Kodici tal-Kummerc)(Vol. XXIX, P.I, p.1528).

Din il-Qorti wkoll segwiet dan it-taghlim fil-kawza fl-ismijiet "Adrian Busietta nomine vs. Marco Attard nomine" deciza fid-9 ta' Frar, 2001 fejn intqal:-

> "Issa filwaqt li hu minnu illi "l-eccezzjonijiet personali huma opponibbli ghall-possessur tal-kambjali li qed jitlob il-hlas taghha u jistghu jirrigwardaw tant l-origini tal-obbligazzjoni kemm l-ezercizzju taghha" (Volume XXX part iii page 499), u dan a vantagg tal-konvenut kjamat biex jonora l-kambjala, kellu jkun

> ovvju li l-oggett tal-azzjoni kambjarja ma setax u m'ghandux ikun konfuz mal-oggett li kien jifforma l-obbligazzjoni naxxenti minn negozju u li ta lok ghall-hrug taghha. Il-ligi stess, proprju bl-insistenza fuq l-awtonomija tal-azzjoni kambjarja u bil-limitazzjoni tal-eccezzjonijiet li setghu jinghataw ghaliha, kif ukoll bl-insistenza fuq l-ispeditezza fid-determinazzjoni tal-azzjoni, kienet tiddistingwi u ssalva n-negozju originali li jibqa' soggett ghall-verifika u kontestazzjoni, anki wara li tkun giet determinata l-azzjoni kambjarja u anki wara li tkun giet onorata l-kambjala b'konsegwenza tal-esekuzzjoni ta' sentenza fuqha motghija.
>
> L-Artikolu 198 tal-Kodici tal-Kummerc precitat infatti necessarjament jimplika illi eccezzjonijiet li kienu ta' natura personali ghall-possessur u li allura setghu joriginaw min-negozju li ta lok ghall-hrug tal-kambjala imma li setghu idewmu d-determinazzjoni tal-azzjoni kambjarja, kellhom bhala regola jigu skartati. Dan dejjem salv id-dritt li tali eccezzjonijiet jistghu jigu ventilati f'azzjoni li tikkontesta n-negozju originali. Dan johrog ferm car proprju mill-motivazzjoni tas-sentenza ta' din il-Qorti tat-8 ta' April 1992, li biha giet rigettata talba tal-appellant nomine odjern kontra s-socjeta' appellata proprju ghall-hlas tal-kambjali in kwistjoni".

Min-naha taghha l-appellanti tistrieh fuq gurisprudenza li tirritjeni "illi jidher li t-Tribunali taghna jammettu eccezzjoni wahda ghall-applikabilita' ta' l-imsemmi artikolu 198. Din hi meta l-eccezzjoni tkun tolqot l-ezistenza tal-kambjali stess bhal meta l-kunsens ta' l-accettant tal-kambjala jkun vizzjat minhabba vjolenza jew dolo" (Joseph Lia vs. Alfred Dalli, deciza mill-Qorti tal-Kummerc fis-26 ta' Jannar, 1989). F'din is-sentenza intqal ukoll illi "f'kazijiet bhal dawn, il-provi dwar l-allegata nullita' tal-kambjali jistghu jinstemghu fl-istess gudizzju fejn jigi mitlub il-hlas tal-kambjali".

"Meta l-eccezzjoni tolqot l-ezistenza nfisha tal-kambjala, bhal fil-kaz ta' vjolenza jew dolo, allura l-kunsens ta' l-accettant ikun vizzjat, u bhala konsegwenza, Il-kambjala tkun nulla u l-principju kanonizzat bl-artikolu 198 ma jkunx applikabli" (Vol. XLV, P.I, p.478; u Vol. XXI, P.I., P.507).

Dawn ir-riferenzi ghall-gurisprudenza maghmula mill-kontendenti donnhom jindikaw zewg skejjel ta' hsieb fir-rigward ta' l-azzjoni kambjarja, wahda li tenfasizza l-awtonomija ta' l-azzjoni u tiffavorixxi allura l-interpretazzjoni stretta ta' l-artikolu 198 invokata mis-socjeta' appellata; l-ohra li tiffavorixxi interpretazzjoni aktar liberali li tippermetti lill-Qorti tindaga f'certi kazijiet – bhal dawn taht ezami – il-validita' tal-kambjala, oltre l-elementi kostituttivi fattwali taghha, kif jirrizultaw mill-wicc ta' l-istess dokument, billi tinvestiga l-kwalita' tal-kunsens ta' l-accettant u jekk dan kienx vizzjat jew le. Investigazzjoni din li kwazi dejjem tkun timporta ezami tan-negozju originali li ta lok ghall-hrug ta' l-istess kambjala. Din il-Qorti ma tikkunsidrax li dawn iz-zewg linji ta' taghlim gurisprudenzjali kienu irrikonciljabbli sakemm fl-applikazzjoni ta' l-artikolu 198 il-Qorti zzomm dejjem quddiem ghajnejha r-ratio legis ta' l-azzjoni kambjarja, u ma tiskartax l-awtonomija innata taghha, u ttendi biex issalva l-element ta' speditezza ttemperat b'sens ta' gustizzja u ta' kawtela tad-drittijiet tal-partijiet. F'dan ir-rigward id-disposizzjoni espressa tal-ligi li taghti l-poter lill-Qorti li timponi fuq l-attur li jaghti garanzija adegwata ghar-radd tal-valur tal-kambjala f'kaz li din tigi fi

procedura appozita inficjata hu strument validu u approprjat biex l-azzjoni kambjarja tigi salvata bil-karatteristici partikolari taghha, waqt illi tassigura protezzjoni xierqa lill-konvenut accettant.

Fil-kaz taht ezami l-kompitu ta' l-ewwel Qorti kien facilitat bil-fatt stess illi l-konvenuta appellanti kienet iddikjarat quddiemha li kienet qed tipproponi azzjoni ad hoc, kif fil-fatt ghamlet, biex titlob dikjarazzjoni gudizzjarja illi l-kambjala taht ezami kienet nulla u bla effett fil-ligi, inkwantu l-kunsens taghha kien karpit b'dolo u qerq da parti tas-socjeta' attrici.

Apparti l-konsiderazzjoni jekk tali kontestazzjoni setghetx jew le issir per via di eccezione u ma kellhiex necessarjament issir, kif fil-fatt saret per via di azione, kienet korretta l-ewwel Qorti illi, f'sitwazzjoni simili, tordna li l-kambjala tigi f'kull kaz onorata salv li l-jeddijiet tal-konvenuta accettanti jigu adegwatament salvagwardati b'garanzija li tkopri r-rimbors ta' l-import ta' l-istess kambjala f'kaz ta' ezitu posittiv fl-azzjoni minnha proposta.

Una volta l-ligi stess tipprovdi dan ir-rimedju zgur ma kienx il-kaz li l-ewwel Qorti tissoprassjedi sakemm tigi finalment determinata l-azzjoni proposta mill-konvenuta biex tattakka l-validita' tal-kambjala. L-appell allura ma jistax jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi s-sentenza appellata qed tigi konfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti. Fir-rigward ta' dawn l-ispejjez hu gust li din il-Qorti tirrizerva favur il-konvenuta appellanti kull dritt li tirrikavahom minghand s-socjeta' appellata in linea ta' danni f'kaz ta' ezitu posittiv fl-azzjoni minnha tentata biex tiddikjara l-kambjala nulla u bla effett fil-ligi.

Dep/Reg

mm